MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1038/2001/1

**Joseph Friggieri**

**vs**

**Mary Anne Friggieri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ccelebraw zwieg bejniethom fit-23 ta' Lulju 1988 fil-Kappella tal-Laboratorju tal-Paci, iz-Zurrieq, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv li kopja tieghu hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. “A”;

Illi l-kunsens tal-partijiet inghata b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi *inoltre*, il-kunsens tal-konvenuta nkiseb ukoll b'qerq dwar kwalita' ta' l-attur illi setghet mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi ulterjorment il-kunsens tal-partijiet kien ukoll ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi ghall-fini tad-dispozizzjonijiet ta' l-**artiklu 19 ta' l-Att Dwar Iz-Zwieg ta' 1-1975;**

Illi l-istess attur talab lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-partijiet nhar it-23 ta' Lulju 1988, null u bla effett fil-Ligi, ghar-ragunijiet fuq premessi.

BI-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbali tal-1 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tibda tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; u s-7 ta’ Mejju fejn Dr. Rachel Montebello ghall-attur tat ruhha b’notifikata bl-avviz tal-appuntament tal-kawza. Inghata digriet affidavit tal-attrici b’terminu ta’ hamsin (50) gurnata,u l-kawza giet differita ghal trattazzjoni finali.

Rat in-nota tal-attur tat-8 ta’ Awissu 2002 li permezz taghha esebixxa affidavit tieghu stess u zewg affidavits ohra, wiehed ta’ Mary Gatt u iehor ta’ Anthony Ferriggi.

Rat il-verbal tat-22 ta’ Ottubru 2002 fejn Dr. Ramona Frendo ghall-attur ipprezentat nota ta’ referenzi u ddikjarat li m’ghandhiex provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-7 ta’ Jannar 2003 ghas-sentenza b’dan li l-konvenuta jkollha ghoxrin (20) gurnata zmien biex tipprezenta n-nota t’osservazzjonijiet taghha.

Rat li minkejja li giet debitament notifikata bic-citazzjoni attrici l-konvenuta baqghet ma pprezentat l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) PROVI PRODOTTI.

**L-attur** permezz tal-affidavit tieghu xehed hekk:-

*“Jiena t-tifel ta' qabel ta' l-ahhar mis-sitt itfal Ii kellha ommi. Ommi kienet mizzewga darbtejn. Mill-ewwel zwieg taghha, hija kellha zewgt itfal, tifel u tifla. Imbaghad, ahna qeghdin erba' ahwa, zewg subien u zewgt ibniet. Ahna I-ahwa ningiebu hafna, anke ma' l-ulied mill-ewwel zwieg, ghax trabbejna kollha flimkien u nista' nghid Ii qatt ma kellna nkwiet bejnietna.*

*Ghal dak Ii ghandu x'jaqsam mal-familja ta' MaryAnne, dawn kienu erba' ahwa u sa fejn naf jien ma kellhomx problemi familjari. Jiena ma nafx li qatt kellhom xi konflitti bejniethom.*

*Jiena kelli tlieta u ghoxrin sena meta ltqajt ma' Mary Anne, Ii dak iz-zmien kellha biss erbatax-il sena. Qabilha qatt ma kelli relazzjonijiet ma' tfajliet ohra, ghax wahdi kont komdu u aktar kienet toghgobni l-hajja ta' guvni. Jiena u Mary Anne domna nohorgu flimkien xi hames snin qabel izzewwigna. Xi ghaxar xhur qabel it-tieg, ghamilna l-‘party’ ta' l-gherusija. Ahna zzewwigna fit-23 ta' Lulju 1988 fil-Kappellla tat-Laboratorju tal-Paci, iz-Zurrieq.*

*Sakemm izzewwigna, Mary Anne lahqet ghalqet it-tmintax-il sena, imma xorta wahda kienet ghadha zghira u llum nahseb li ma kenitx matura bizzejjed. Jien kont l-ewwel guvni f'hajjitha u peress li Mary Anne ma kenitx komda finanzjarjament u jien kont nohrogha tiekol u nara li ma jonqosha xejn, nahseb li ngibdet lejja, anke tant kemm ma kenitx taf il-hajja.*

*Meta zzewwigna tista' tghid li lanqas jien ma kont matur u responsabbli bizzejjed, ghax kont nahseb li nhobbha izda llum ninduna li dak iz-zmien ma kontx naf x'inhi mhabba.*

*Sa mill-bidunett tar-relazzjoni taghna, jien qatt ma ridt tfal ghax jien l-irbit tat-tfal ma joghgobnix, izda lil Mary Anne dan qatt m'ghidtulha. Tal-familja kienu jafu, ghax minn dejjem nghid quddiemhom li t-tfal m'ghandekx xi tridhom, u li t-tfal ghand haddiehor sbieh, imma meta rawni nohrog ma' Mary Anne, nahseb li bdew jittamaw li nbiddel fehmti. Meta Mary Anne kienet issemmi t-tfal waqt l-gherusija, jien kont naqtaghlha fil-qasir kemm nista', imma qatt ma ghidtilha li ma rridx tfal. Fil-fatt, kemm domna gharajjes, rari li konna nitkellmu bis-serjeta' fuq kif konna nippjanaw li nghixu flimkien wara li nizzewgu, u s-suggett fuq it-tfal kont naharbu aktar u aktar.*

*Sadanittant, l-ewwel sena taz-zwieg taghna, meta konna ghadna nghixu mal-genituri tieghi, kollox mexa harir, izda mbaghad, malli morna nghixu ghal rasna, beda l-inkwiet ghax Mary Anne bdiet tghidli li trid it-tfal. Jien dejjem kont nghidilha li mbaghad naraw kif inkunu fil-flus, u li ahjar tibqa' tahdem ghal xi sena ohra biex inkunu nistghu intejbu daqsxejn il-finanzi, ghax mill-flus ma tantx konna tajjeb. Mary Anne riedet tibqa' tahdem ghal xi sentejn biss wara z-zwieg biex imbaghad tkun tista' tieqaf u jkollha t-tfal. Minhabba f'hekk konna nidhlu f'hafna argumenti bejnietna, u z-zwieg taghna beda sejjer kulma jmur ghall--aghar. Aktar ma beda jghaddi z-zmien, dil-kwistjoni tat-tfal aktar bdiet toholqilna nkwiet, tant li sirna qisna kelb u qattus, ma nistghux naraw lil xulxin li ma nibdewx naghtu.*

*Sa fl-ahhar nahseb li Mary Anne ndunat li jien kont qed nghaddiha biz-zmien fuq dil-bicca xoghol tat-tfal, ghax f'daqqa wahda, wara li konna ilna biss sentejn u xi haga mizzewgin, Mary Anne sabet Kaptan Grieg, u telqet mieghu. Meta jien sirt naf, kienet qaltli li la jien ma ridtx tfal, ma kellhiex xi tridni, u li kieku kienet taf, ma kienet qatt tizzewwigni, ghax hi bil-fors riedet it-tfal u ma setghetx tghix minghajrhom. Qaltli li la jien ma ridtx tfal, kellha d-dritt li ssib lil haddiehor li kien ihobbha bizzejjed li jkollu t-tfal maghha.*

*Fil-fatt meta giet lura mill-Grecja, Mary Anne qaltli li ghaliha t-tfal kienu kollox fiz-zwieg, u jekk jien ma kontx lest naghtihomlha, hija kienet deciza li tmur lura mal-Kaptan. Qaltli li kienet diga' tkellmet mieghu fuq il-bicca xoghol tat-tfal u hu kien lest Ii jikkuntentaha. Jiena, Apparti li kont irrabbjat li ma' l-icken haga, Mary Anne kienet qalbithieli daqs tazz'ilma, ghidtilha li lanqas meta konna sew flimkien ma ridt it-tfal, ahseb u ara wara li waqqghatli wicci l-art u avvelietni meta harbet mal-Grieg. Mary Anne ma hasbitha xejn u naf li wara ftit xhur isseparajna, u malli sseparajna, harget tqila u kellha tarbija tal-Kaptan, li ghadha mieghu sal-llum.*

*Apparti Ii hassejtni avvelit Ii Mary Anne qalbithieli vilment, wara ftit indunajt li din ma kenitx l-ewwel darba Ii Mary Anne kellha lil haddiehor anke meta kienet mieghi u ma kellniex problema. Anke qabel ma zzewwigna, meta kienet tahdem mal-fabbrika Sports Trend, ghandi suspett kbir Ii kienet ma' haddiehor. Fil-fatt, kont sibtilha djarju, u jidher illi Mary Anne kellha x'taqsam sesswalment ma' haddiehor ftit jiem biss wara Ii zzewwigna. Fil-fatt f'dan id-djarju hemm referenzi ghal Susan u Mary, Ii fil-fatt jien nemmen li kienu 'code names' ghal Stephen u Maurice Ii kienu jahdmu maghha. Fil-fatt Mary Anne ammettiet li d-djarju huwa taghha, u Ii hi setghet irreferiet ghal Stephen meta kitbet Susan. Hija ammettiet ukoll Ii dan kien habib taghha, u qaltli Ii saret tafu wara li zzewwigna. Baqghet tghid Ii mhux veru Ii qalbithieli mieghu, imma jien ma nemminhiex. Bil-mod kif qalbithieli qisu xejn mal-Grieg, jiena nhoss illi Mary Anne ma kellha l-ebda ntenzjoni meta zzewgitni Ii tkun fidila lejja.*

*Waqt li konna qed nisseparaw, jiena tant kont hadtha bi kbira l-fatt li Mary Anne qalbithieli kif gieb u lahaq, li waqajt f' 'depression' kbira, u anke kelli mmur ghand psikjatra u nieqaf mix-xoghol, ghax ma stajtx inkompli bl-'istress' li kelli. Imma wara li ghadda z-zmien, indunajt li jien kont nahti daqs Mary Anne f'dil-bicca kollha, ghax ma messnix dhakt biha fuq dil-bicca xoghol tat-tfal. Messni kont 'straight' maghha u ghidtilha l-verita' mill-ewwel. Nahseb ukoll li ma ridtx tfal tant kemm ma kontx cert minni nnifsi, ghax kieku verament kont inhobbha, nahseb fiz-zgur illi kont inkun irrid tfal. Nahseb li avolja ma kontx zghir meta zzewwigt, mohhi kien ghadu tat-tfal, ghax kieku ma kontx nigi f'dis-sitwazzjoni kollha."*

**Mary Gatt** fl-affidavit taghha xehdet illi:-

*"Jiena nigi oht Joseph Friggieri, akbar minnu b'erba' snin. It-trobbija taghna flimkien kienet wahda tajba hafna, u ommi dejjem rabbietna hsiebna f'xulxin.*

*Minn mindu kien beda jitfarfar, Joe kien jinkwetana daqsxejn, fis-sens illi kien ighid li ma jridx jizzewweg u ma jridx tfal. Il-hajja ta' guvni donnha kienet toghgbu wisq. Joe izzewweg kbir - kellu xi 26 jew 27 sena. Anke meta fl-ahhar sab tfajla, tghidx kemm dam jahsibha biex izzewweg. Damu xi hames snin gharajjes, biex imbaghad, wara li zzewgu xorta kellhom jaghmlu xi sena jghixu ghand ommi ghax il-post ma kienx lest. Joe kollox kien jiehu bil-mod, qisu ma kellux ghaggla. Jiena ma kont nghidlu xejn ghax kont nibza' li jekk inkellmu nkompli ngerrxu. Anke meta kien gharus gieli ftahar mieghi li avolja se jizzewweg, biex ikun moqdi kien ighid, xorta wahda tfal ma riedx ghax hemm jibda vera l-irbit. Kien ighidli "ma tarax int, hajtek spiccat bit-tfal ...". Jien kont kwazi niehu ghalija meta jghidli hekk, imma kont nigdem ilsieni u ma nghidlu xejn, biex inzomm il-kwiet, u dejjem bit-tama, li ghad jibdel fehmtu u li l-Bambin ghad jibghatlu l-ulied u mbaghad ikun kuntent.*

*Fil-fatt imma mhux hekk gara, ghax hija u Mary Anne anqas biss ghamlu sentejn mizzewgin, ghax hu ma riedx tfal, u hi kienet pronta u sabet lil haddiehor u kellha tarbija mieghu".*

Min-naha tieghu **Anthony Friggieri** fl-affidavit tieghu sostna:-

*"Jiena nigi hu Joseph Friggieri, izghar minnu xi sena u tmien xhur. Ahna u nitrabbew konna 'close' hafna, u hekk ghadna sal-llum.*

*Meta konna guvintur, konna nohorgu flimkien jiena u Joe. Jiena, avolja kont izghar minnu, dejjem infittex it-tfajliet, daqqa wahda u daqqa ohra, imma Joe qatt ma kellu nteress. Kien ighidli li l-irbit ma ghandekx xi tridu. Kliemu kien fis-sens li l-ewwel tghabbi tfajla u mbaghad tghabbi bit-tfal u li meta tizzewweg tkun qed titghallaq. Anke meta ahna l-ahwa bdejna nizzewgu u anke jkollna ttfal, dejjem kien ighidilna "msieken" ghax skond hu, it-tfal sbieh ghand haddiehor biss.*

*Minhabba f'hekk Joe kien jinkwetani naqra, avolja meta rajtu li beda johrog ma' Mary Anne, fl-ahhar, u rajtu li baqa' maghha, ghamilt il-kuragg, ghax hsibt li forsi dak kellu kien diskors tat-tfal u issa jerga' jibdielu. Anke meta kien gharus, minn wara dahar Mary Anne, gieli kien ghadu jghid li ma jridx tfal, u meta kont insaqsih Mary Anne xi tghid, kien jaqbad jidhak u jghidli "ghandha lili, xi trid aktar?" Jiena kont nahseb li qed ighid hekk biex jitkessah u jghaddi z-zmien. Lil Mary Anne qatt ma ghidtilha xejn ghax f'qalbi kont cert li meta jizzewweg, Joe kien zgur jibdel fehmtu, ghax wara kollox, kieku ma tridx tfal, ma tizzewweg xejn.*

*Imma kelli zball ghaliex fil-fatt sirt naf li wara li zzewgu u telqu minghand ommi, Joe u Mary Anne kieku jiggieldu hafna ghaliex hi riedet it-tfal u hu ma riedx, u spiccaw biex isseparaw fuq hekk, ghax Mary Anne malajr sabet lil haddiehor li kkuntentaha, u telqitu lil hija Joe".*

**<u>(B). PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi fost il-premessi tac-citazzjoni attrici hemm dawk kontemplati fl-**Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi fil-fatt l-attur jissottometti *inter alia* li z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut assenti ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:-

"(d) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:

"*Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated." (Montreal, 1993)**, p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard" –** P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gia` Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju1995).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" … … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … … si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita"* (**Forum, 1990**, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia` nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** **"Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – ***Pompedda – Zagglia*****, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel**

**Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara,* ***"Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"****, P.A., 10 ta' Novembru 1995).*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju"* (***"Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt"****, P.A., 15 ta' April 1996)*.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin v. Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar v. Kenneth Cassar"**, P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima v. Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega **Bersini**, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* (***Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per*

*l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio"* (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja` gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

"*… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna,

bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilta` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilta` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-***Bersini***, *"rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso"* (op. Cit., p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (***Viladrich, P.J.,*** op. Cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea v. John Walsh"**, P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom

infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *“the community of life and love”*.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Nathalie O’Toole vs Patrick O’Toole”** (P.A. (N.A.) 25 ta’ Marzu 2002) fejn inghad li:-

*“Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.*"

Illi kif inghad fis-sentenza **“Al Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f’diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **“Maria Rita Calleja. Vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri”** (P.A. (RCP) 17 ta’ Frar 2000); **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** (P.A. (RCP) 9 ta’ Marzu 2000); **“Ousama Sadalah vs Doris Tanti”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000); **“Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001); **“Mazen Dadouch vs Maria Dadouch**

**xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens"*.

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja` Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April

2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi applikati dawn il-principji ghall kaz in ezami jirrizulta li l-attur kellu difett fl-ghoti tal-kunsens tieghu ghall-istess zwieg *stante* li eskluda posittivament wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg fl-ghaqda tieghu mal-konvenut, peress li huwa kien deciz li ma jkollux tfal mill-istess konvenuta ghaliex ma riedx li jkollu wild.

Illi infatti fis-sentenza **"Jacqueline Agius vs Ivan Agius"** (P.A. (RCP) 11 ta' Dicembru 2002) l-istess Qorti kif presjeduta ghamlet referenza fis-sentenza taghha ghal dak li nghad f'sentenza riportata f'***Matrimonial Jurisprudence of the United States 1975-76*** li topprovdi li:-

*" … If, on the other hand, one party plans on excluding children and at the same time pretends to his proposed partner that he is willing to have children, then such a deception already belies the other party's right to a child."*

Illi minn dan isegwi li dak li jrid jigi ppruvat huwa s-segwenti u cjoe`:-

*"Biex tikkonkludi, ghalhekk, din il-Qorti tosserva li ghall-fini ta' dana il-kap ta' nullita` … dak li jrid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi taghna fil-kamp civili, hu li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti wahda jew it-tnejn kellha jew kellhom il-hsieb maghmul li ccahhad lill-parti l-ohra mid-dritt kif iktar 'l fuq imfisser ossia li tonqos mid-dover korrispondenti. Tali prova tista' issir permezz ta' dikjarazzjonijiet f'dan is-sens – basta li l-Qorti tqishom, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li jkunu attendibbli, kif ukoll minn cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens, cioe' ghaz-zwieg."*

Fl-ewwel lok u qabel kollox jidher li l-attur b'dikjarazzjoni cara u nkonfutabbli tieghu stqarr li ma riedx ikollu tfal miz-zwieg tieghu mal-konvenuta u sa fejn jidher mill-provi ma hadd izjed, ghalkemm dak li huwa rilevanti f'din il-kawza huwa il-mument taz-zwieg mal-konvenuta u li t-tfal ma

kellhux x'jambihom. Iz-zwieg kien ifisser ghalih xejn dwar l-kuncett ta' prokreazzjoni ta' ulied, anzi huwa espressament eskludih fil-kunsens tieghu u dan kemm b'atti nterni, fejn kien deciz li ma jkollux tfal mill-istess zwieg, u b'dan naqqas li jgharraf bih lill-konvenuta, u anke b'atti esterni, ghaliex kemm qabel u wara z-zwieg mal-faniljari tieghu, li x-xhieda taghhom hija fuq riportata, eskluda posittivament li jkollu tfal u wlied mill-istess zwieg.

Illi mill-provi prodotti fil-fatt jirrizulta, u dan anke minn ezami tax-xhieda minnu stess moghtija u fuq riportatata, li l-attur qabel iz-zwieg  zamm din ix-xewqa tieghu li ma jkollux tfal, madankollu mistura, u qatt ma esprima dawn is-sentimenti mal-konvenuta. Min-naha l-ohra huwa kien car b'dan ma' whud mill-familjari tieghu, li pero' ma emmnuhx mill-ewwel, u rrealizzaw li l-istess attur kien deciz fid-decizjoni tieghu dwar dan, meta wara z-zwieg baqa' bl-istess premura, tant li din l-insistenza tal-attur kienet il-bidu tat-tmien tal-istess rabta mal-konvenuta, li meta saret taf b'dan l-ingann tal-attur ma accettatux, u z-zwieg krolla.

Illi hawn jista' jinghad li l-kunsens tal-attur jirrispekkja dak li jinghad dwar difett ta' kunsens u simulazzjoni f'dan il-bran hawn kwotat:-

*"L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta puo' essere emesso anche con intenzione implicita, vale a dire <u>mediante il modo di comportarsi</u> del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta, oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi".* (***O. Giacchi*** – **Il Consenso Matrimoniale Canonico).**

Illi dan flimkien ma' dak li gie affermat fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 iwassal sabiex wiehed jikkonkludi li *"jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-*

*kunsens tieghu kien gja` mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"consortium vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt kif inghad fis-sentenza **"Eliseo Tabone vs Amal Fakhraddine"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002) *"l-element ta' l-indossubilita` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-Ligi Maltija tippresuponi 'iuris tantum' dan l-element ta' indossolubilita' fiz-zwieg".*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghall dak li inghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mil-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-omissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi hawn wiehed jerga' jirreferi ghal dak li gew ikkunsidrati skond il-gurisprudenza nostrali bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant li fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) inghad li:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'.*

*Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossubilita' taz-zwieg, l-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewwga timporta li l-mizzewwgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza **"Micallef vs Micallef'** deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-*

*mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002, Citaz. Nru. 3166/96RCP) insibu referenza ghal definizzjoni tal-kunsens matrimonjali tal-awtur ***F. Anzar Gil*** **("El nuevo derecho matrimonial canonico")** fejn jinghad illi:-

*"Nel senso guiridico ampio viene chiamato consenso l'incontro di diverse volonta' in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta' di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale"*

Illi hawnhekk il-ligi qeghda titkellem fuq simulazzjoni kemm dik totali u kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali:-

(i) Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghal kuntratt matimonjali. F' **"Cali vs Dr. Albert Grech nomine"** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi *"jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostiwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali".*

(ii) Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija tat-tat-tfal, jew eskluzjoni tal-obbligu tal-fedelta' lejn il-parti l-ohra. Fis-sentenza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et."** (P.A. 14 ta' Lulju 1994) insibu elenku ta' elementi essenzjali taz-zwieg li jinkludu *"komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni tal-ulied".*

Illi meta wiehed qieghed jirreferi ghall-*komunjoni tal-hajja konjugali* ossija *'consortium vitae'* dan l-element essenzjali gie meqjus fis-sentenza **"Magri vs Magri"** (P.A. 14 ta' Lulju 1994) bhala jikkomprendi l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja u cjoe' rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda mibnija fuq il-fedelta` u l-formazzjoni tal-familja.

Illi f'diversi sentenzi jinghad illi dan is-subinciz ma jirrikjedix necessarjament illi l-eskluzjoni pozittiva tirrizulta minn xi haga espressa direttament, izda tista' tigi espressa mill-imgieba ta' xi parti fil-perijodu ta' qabel jew wara li jkun inkiseb il-kunsens (vide **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (RCP) 31 ta' Mejju 2000); "**Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli**" (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000).

Illi fis-sentenza **"Haidan vs Haidan"** (P.A. 7 ta' Lulju 1994) jinghad illi *"Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life' ".*

Illi minn dan kollu jidher li l-attur kellu fil-mument taz-zwieg tieghu mal-konvenuta difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga billi ssoggetta l-kunsens tieghu ghall-konvivenza mal-konvenuta ghall-kundizzjoni li huwa ma jkollux ulied mill-istess zwieg u dan ghalhekk iwassal sabiex din il-Qorti tikkonkludi li l-kunsens tal-attur kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u l-elementi essenzjali taghha u wkoll li bil-kunsens tieghu huwa eskluda pozittivament wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huwa l-kuncett ta' prokreazzjoni ta' ulied, u hawn din il-Qorti tirreferi ghas-sentenzi **"David Mangion vs Maria Sciberras"** (P.A. (N.A.) 11 ta' Ottubru 1999); **"Imad Adel Hazory vs Gaetana Borg"** (P.A. (N.A.) 11 ta' Ottubru 1999); **"E vs F"** (P.A. (F.D.) 1 ta' Lulju 1994); **"Elizabeth Zammit nee' Consiglio vs John Zammit"** (P.A. (S.B.C.) 14 ta' Marzu 1986); **"Mary Hassanin nee' Spiteri vs Silvio Spiteri"** (P.A. (N.A.) 16 ta' Frar 2001) u **"Joseph Abdilla vs Maria Fenech"** (P.A.

(N.A.) 21 ta' April 1999), u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li ghandha tezamina ragunijet ulterjuri proposti mill-attur f'din il-kawza, u dan anke in vista tal-konkluzjonijiet fuq raggunti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-23 ta' Lulju 1988 huwa null u bla effett skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**7 ta' Jannar 2003**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**7 ta' Jannar 2003**